



---

*Kumitat għas-Sajd*

---

**2015/2154(DEC)**

14.1.2016

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, Taqsima III – Il-Kummissjoni (2015/2154(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: João Ferreira

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jieħu nota tal-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014; jieħu nota wkoll tar-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar is-sena finanzjarja 2014; jieħu nota tar-rapport annwali tal-attività 2014 tad-DĠ MARE; jieħu kont tar-rapport Speċjali Nru 11/2015 tal-Qorti tal-Awdituri dwar ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd;
2. Jieħu nota tal-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet; jinnota l-opinjoni negattiva tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-approprijazzjonijiet ta' pagament, b'rata ta' żball globali ta' 4,4 % iżda mingħajr ebda rata ta' żball speċifika li tikkonċerna s-sajd; jitlob li s-sajd jiġi ttrattat separatament u mhux amalgamat mal-agrikultura, sabiex tiġi garantita aktar trasparenza fil-qasam tas-sajd;
3. Josserva r-riżerva tad-DĠ MARE fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll għall-programmi tal-Fond Ewropew għas-Sajd (FES) f'xi Stati Membri;
4. Huwa konvint li s-sistema ta' kontroll intern implimentata mid-DĠ MARE tipprovdi biżżejjed assigurazzjoni biex jiġi ġestit b'mod adegwat ir-riskju li jirrigwarda l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet;

### ***Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS)***

5. Jinnota li l-adozzjoni wara l-1 ta' Jannar 2014 ta' programmi taħt ġestjoni kondiviża għall-FEMS u Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) oħra wasslet għal reviżjoni teknika tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) sabiex approprijazzjonijiet mhux użati mill-2014 jiġu trasferiti għas-snin sussegwenti;
6. Jesprimi d-dispjaċir kbir tiegħu dwar il-fatt li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri baġtu l-programm operattiv tagħhom dwar il-FEMS tard ħafna, li kkawża dewmien kbir fil-mobilizzazzjoni tal-fondi; ifakkar li l-Istati Membri huma responsabbli għall-implimentazzjoni ta' krediti b'ġestjoni kondiviża;
7. Huwa tal-fehma li l-Istati Membri għandhom itejbu l-istrumenti u l-mezzi li jużaw biex jibgħatu l-informazzjoni lill-Kummissjoni; jirrakkomanda li l-Kummissjoni teżerċita aktar pressjoni fuq l-Istati Membri biex iressqu data affidabbli;
8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi l-appoġġ kollu possibbli għall-Istati Membri bl-għan li tiżgura użu tajjeb u sħiħ tar-riżorsi tal-FEMS, b'rati għoljin ta' implimentazzjoni, skont il-prijoritajiet u l-ħtiġijiet rispettivi tagħhom, b'mod partikolari rigward l-iżvilupp sostenibbli tas-settur tas-sajd;

### ***Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji***

9. Jilqa' l-inkarigu tal-Aġenzija dwar l-FEMS mill-1 ta' Jannar 2014 'il quddiem; jieħu nota

tal-Memorandum ta' qbil iffirmit bejn id-DG MARE u l-Aġenzija fit-23 ta' Settembru 2014; jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm promozzjoni ta' appoġġ ta' kwalità għolja mill-Aġenzija lill-benefiċjarji kollha tagħha fuq id-19-il azzjoni tal-FEMS;

***Ir-Rapport Speċjali Nru 11/2015 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (Kwittanza 2014): Il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd huma mmaniġġjati tajjeb mill-Kummissjoni?***

10. Jieħu nota tal-elementi li jinsabu fir-Rapport Speċjali Nru 11/2015 dwar il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd (FPAs);
11. Jistieden lill-Kummissjoni tqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti;
12. Jilmenta dwar l-ispiża finanzjarja ġġenerata min-nuqqas ta' użu tal-kwoti ta' tunnellaġġ li kienu adottati fil-protokollu reċenti; jipproponi li l-pagamenti għad-drittijiet ta' aċċess jintrabtu aktar mill-qrib mal-qabdiet attwali; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-iżborż tal-appoġġ settorjali jkun konsistenti ma' pagamenti oħra għall-appoġġ baġitarju u jitlob li jkun hemm titjib tar-riżultati miksuba mill-pajjiżi sħab fl-implimentazzjoni tal-matriċi ta' azzjonijiet maqbula fuq bażi komuni;
13. Jenfasizza, kif indikat il-Qorti, li l-komplementarjetà u l-konsistenza fost l-FPAs innegozjati fi ħdan l-istess reġjun jistgħu jiġu mtejba, sabiex jimmassimizzaw il-potenzjal tagħhom fil-livell reġjonali;
14. Jenfasizza li l-informazzjoni mogħtija minn evalwazzjonijiet *ex post* indipendenti mhux dejjem kienet kompluta, konsistenti jew komparabbli biżżejjed, u b'hekk tnaqqset l-utilità tagħha fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u n-negozjati; jinnota, barra minn hekk, li dawn l-evalwazzjonijiet ma jivvalutawx biżżejjed sa liema punt l-FPAs jilhqnu l-oġettivi tagħhom, peress li pereżempju ma jagħmlu ebda referenza għall-impjegi fir-reġjuni tal-UE li jiddependu fuq is-sajd, u ma jagħtu ebda informazzjoni dwar il-provvista tal-ħut fis-suq tal-UE;
15. Jesprimi tħassib dwar in-nuqqas ta' informazzjoni affidabbli, verifikabbli u aċċessibbli dwar l-istokkijiet tal-ħut u dwar l-isforz tas-sajd tal-flotot tas-sajd nazzjonali, jew ta' flotot barranin oħrajn li wkoll ingħataw aċċess, peress li wieħed mill-oġettivi prinċipali tal-FPAs huwa li jinstadu stokkijiet eċċessivi biss u ġie ppruvat li dan hu diffiċli ħafna li jiġi implimentat;
16. Jesprimi tħassib li l-attivitajiet tas-sajd jistgħu jiġu interrotti bejn iż-żewġ protokollu; jistieden lill-Kummissjoni tiggarrantixxi s-sigurtà legali u ekonomika tal-operaturi billi tiżgura l-kontinwità tal-operazzjonijiet tas-sajd bejn iż-żewġ protokollu;
17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni timmonitorja aktar mill-qrib l-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali biex tiżgura l-effikaċja tiegħu;
18. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm monitoraġġ effikaċi tal-attivitajiet iffinanzjati mill-UE li jipprovdu appoġġ settorjali fil-kuntest tal-ftehimiet internazzjonali, permezz tal-użu ta' matriċijiet li jkunu ddettaljati kemm jista' jkun possibbli; jenfasizza, barra minn hekk, li jeħtieġ li jsir appell għal żieda fil-proporzjon tal-appoġġ settorjali; jinsab ċert li l-partijiet kummerċjali tal-ftehimiet għandhom fl-aħħar mill-aħħar isiru soġġetti għal appoġġ settorjali li jkun sostanzjali, effikaċi u immonitorjat b'mod xieraq;

19. Jinnota bi tħassib li l-protokollu li bħalissa huma fis-seħħ għadhom ma jipprovdux għall-possibbiltà ta' pagamenti parzjali meta r-riżultati jkunu ntlaħqu parzjalment biss; jirrikonoxxi li, meta ma jinkisbux riżultati jew meta r-riżultati miksuba jkunu limitati, il-pagament tal-appoġġ settorjali għas-sena ta' wara għandu jiġi sospiż sakemm jintlaħqu l-miri; madankollu, jistieden lill-Kummissjoni biex, fejn possibbli, fil-protokollu l-ġodda tinkludi l-possibbiltà ta' pagamenti parzjali tal-appoġġ settorjali;

### ***Kwittanza***

20. Jipproponi, abbażi tad-data disponibbli, li tingħata kwittanza lill-Kummissjoni fir-rigward tal-infiq tagħha fl-oqsma tal-affarijiet marittimi u tas-sajd għas-sena finanzjarja 2014.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

|   |  |
|---|--|
| <b>Data tal-adozzjoni</b>                         | 14.1.2016  |
| <b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>             | +: 17<br>-: 0<br>0: 0  |
| <b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>    | Marco Affronte, Clara Eugenia Aguilera García, Renata Briano, Alain Cadec, Carlos Iturgaiz, Werner Kuhn, António Marinho e Pinto, Gabriel Mato, Ulrike Rodust, Remo Sernagiotto, Isabelle Thomas, Ruža Tomašić, Peter van Dalen, Jarosław Wałęsa |
| <b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b> | Izaskun Bilbao Barandica, José Blanco López, Nicola Caputo, Ole Christensen, Francisco José Millán Mon   |